**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafà)**
**(Spettur Jonathan Ferris)**

**vs.**

**Godfrey Formosa**

Numru: 46/2011

Illum id-disgha (9) ta' Novembru 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Godfrey Formosa**, ta' tnejn u tletin (32) sena, bin John u Carmen neé Attard, imwieled San Giljan fl-1 ta' Jannar 1979, residenti f'Vimar, Sqaq Nru. 1, Triq l-Mdina, Naxxar, u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-Numru 102979(M)

akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, f'Marzu 2010 u fix-xhur precedenti, f'ismu u/jew fil-kapacita' tieghu ta' direttur tas-socjetajiet *D&G Projects Limited* (C38165) u *Di Natura Limited* (C45057), b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. bil-hsieb li jwettaq frodi, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' frodi b'ghemil qarrieqi hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan bi hsara ta' aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u/jew l-Unjoni Ewropea, liema frodi ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;

2. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

3. fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-Artikolu 183 tal-Kodici Kriminali;

4. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz;

5. fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

6. sar recidiv *ai termini* tal-Artikoli 49 *et sequitur* tal-Kodici Kriminali b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 15 ta' Ottubru 2008.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew

periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 731) datata 21 ta' Frar 2014 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

1. fl-Artikoli 18, 41(1)(a), 308, 309 u 310 (1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-Artikoli 18 u 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. fl-Artikoli 18 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-Artikoli 18 u 188(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. fl-Artikoli 18 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi waqt l-udjenza tat-28 ta' Mejju 2014 (*a fol.* 734) gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-21 ta' Frar 2014 u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-imputat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju (*a fol.* 755 *et seq.*).

Rat illi, in segwitu ta' Assenjazzjoni ta' Doveri mahruga mill-Prim'Imhallef fit-30 ta' Gunju 2015 (*a fol.* 748) din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif diversament preseduta u skond Assenjazzjoni ohra ta' Doveri mahruga mill-Prim'Imhallef fit-23 ta' Frar 2016 (*a fol.* 750) din il-kawza regghet giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni pprezentata fit-12 ta' Awwissu 2016 (*a fol.* 825 *et seq.*).

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tad-difiza pprezentata fit-22 ta' Settembru 2016 (*a fol.* 834 *et seq.*).

Semghet, fis-seduta tat-28 ta' Settembru 2016, is-sottomissjonijiet finali ulterjuri bil-fomm tad-difiza (*a fol.* 875 *et seq.*).

Rat illi din il-kawza kienet qed tinstema flimkien ma' kawza ohra fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Noel Formosa et** (Kawza Numru 45/2011).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni li jirrigwardaw il-kawza odjerna.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2012, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Angelo Gafà** (*a fol.* 17 *et seq.*) fejn spjega li l-Ufficjal Investigattiv f'dan il-kaz kien l-eks Spettur Ivan Cilia. Huwa ezebixxa s-segwenti dokumenti:

- ir-rapport maghmul lill-Kummissarju tal-Pulizija mill-*Malta Resources Authority* (MRA) (Dok. "AG 1" – *a fol.* 24 *et seq.*);
- kopja tal-Gazzetta tal-Gvern fejn fiha giet ippublikata skema ta' *refund* li l-Gvern kien qed jaghti fuq sistemi folovoltajici (Dok. "AG 2" – *a fol.* 154 *et seq.*);
- rapport ta' evalwazzjoni maghmul minn kumitat appuntat mill-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz (Dok. "AG 3" – *a fol.* 161 *et seq.*);
- offerta li kienet giet sottomessa lill-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz mill-kumpanija *Di Natura* ta' Psaila Street, Birkirkara (Dok. "AG 4" – *a fol.* 164 *et seq.*);
- lista ta' applikanti li kienu applikaw biex jibbenifikaw minn l-iskema (Dok. "AG 5" – *a fol.* 165 *et seq.*);
- applikazzjoni li saret minn Anthony Formosa (Dok. "AG 6" – *a fol.* 176 *et seq.*);
- applikazzjoni li saret minn Giovanni Mercieca (Dok. "AG 7" – *a fol.* 191 *et seq.*);

- applikazzjoni li saret minn Joseph Sultana (Dok. "AG 8" – *a fol.* 205 *et seq.*);
- applikazzjoni li saret minn Lewis Grima (ir-ragel ta' Luigia Grima) (Dok. "AG 9" – *a fol.* 221 *et seq.*);
- dokument tal-MRA koncernanti l-applikant Edward Briffa li jgib id-data tal-24 ta' Settembru 2009 (Dok. "AG 10" – *a fol.* 232);
- applikazzjoni tal-MRA *Malta Resources Authority* li tikkoncerna l-applikant Edward Briffa li ggib id-data tal-11 ta' Jannar 2010 (Dok. "AG 11" – *a fol.* 233 *et seq.*);
- dikjarazzjonijiet ta' rifjut ghall-jedd ghal parir legali ta' Godfrey Formosa (Dok. "AG 12" – *a fol.* 235; Dok. "AG 14" – *a fol.* 241; Dok. "AG 16" – *a fol.* 247; Dok. "AG 18" – *a fol.* 251);
- stqarrijiet rilaxxati minn Godfrey Formosa (Dok. "AG 13" – *a fol.* 236 *et seq.*; Dok. "AG 15" – *a fol.* 242 *et seq.*; Dok. "AG 17" – *a fol.* 248 *et seq.*; Dok. "AG 19" – *a fol.* 252 *et seq.*);
- sentenza moghtija fil-15 ta' Ottubru 2008 konfront Godfrey Formosa (Dok. "AG 20" – *a fol.* 254 *et seq.*);
- sensiela ta' dokumenti li kienu gew mghoddija minn Godfrey Formosa lil eks Spettur Ivan Cilia (Dok. "AG 21" – *a fol.* 257 *et seq.*);
- *Memorandum and Articles of Association* rigwardanti l-kumpanija *D & G Projects Limited* (Dok. "AG 22" – *a fol.* 325 *et seq.*);
- *Memorandum and Articles of Association* rigwardanti l-kumpanija *Di Natura Limited* (Dok. "AG 23" – *a fol.* 339 *et seq.*);
- dikjarazzjonijiet ta' rifjut ghall-jedd ghal parir legali ta' Noel Formosa (Dok. "AG 24" – *a fol.* 351; Dok. "AG 26" – *a fol.* 356; Dok. "AG 28" – *a fol.* 361);
- stqarrijiet rilaxxati minn Noel Formosa (Dok. "AG 25" – *a fol.* 352 *et seq.*; Dok. "AG 27" – *a fol.* 357 *et seq.*; Dok. "AG 29" – *a fol.* 362 *et seq.*);
- stqarrijiet rilaxxati minn Anthony Formosa (Dok. "AG 30" – *a fol.* 366 *et seq.*; Dok. "AG 32" – *a fol.* 371 *et seq.*);
- dikjarazzjoni ta' rifjut ghall-jedd ghal parir legali ta' Anthony Formosa (Dok. "AG 31" – *a fol.* 370);
- stqarrijiet rilaxxati minn John [Giovanni] Mercieca (Dok. "AG 33" – *a fol.* 374 *et seq.*; Dok. "AG 35" – *a fol.* 379 *et seq.*);

- dikjarazzjoni ta' rifjut ghall-jedd ghal parir legali ta' John [Giovanni] Mercieca (Dok. "AG 34" – *a fol.* 378);
- stqarrijiet rilaxxati minn Joseph Sultana (Dok. "AG 36" – *a fol.* 382 *et seq.*; Dok. "AG 38" – *a fol.* 386 *et seq.*);
- dikjarazzjoni ta' rifjut ghall-jedd ghal parir legali ta' Joseph Sultana (Dok. "AG 37" – *a fol.* 385);
- stqarrijiet rilaxxati minn Luigia Grima (Dok. "AG 39" – *a fol.* 388 *et seq.*; Dok. "AG 41" – *a fol.* 392 *et seq.*);
- dikjarazzjoni ta' rifjut ghall-jedd ghal parir legali ta' Luigia Grima (Dok. "AG 40" – *a fol.* 391);
- dikjarazzjoni ta' rifjut ghall-jedd ghal parir legali ta' Lucienne [Lucia Anna] Haber (Dok. "AG 42" – *a fol.* 395);
- stqarrija rilaxxata minn Lucienne [Lucia Anna] Haber (Dok. "AG 43" – *a fol.* 396 *et seq.*).

L-Ufficjal Prosekutur l-i**Spettur Angelo Gafa** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2012 (*a fol.* 441) fejn bhala Dok. "AG 44" (*a fol.* 442) ezebixxa Gazzetta tal-Gvern tat-12 ta' Frar 2010 bin-numru 18540 flimkien ma' korrispondenxza li rcieva minn Mark Sciberras (ghad-Dipartiment tal-Informazzjoni).[1]

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2012, xehed ukoll l-**eks Spettur Ivan Cilia** (*a fol.* 400 *et seq.*) fejn spjega li dan il-kaz jirrigwarda skema li kien hareg il-Gven ta' Malta biex residenti japplikaw ghal sussidju biex jixtru sistema fotovoltajika. Jghid li dan is-sussidju kien jista' jammonta sa massimu ta' tlett elef Euro (€3000) jew inkella hamsin fil-mija (50%) tal-ispiza kapitali biex tinxtara din is-sistema. Spjega kif l-MRA irraportat lil Pulizija li kienet irceviet ilment minn ghand ir-*Renewable Energy Association Malta* (REAM) li fiha membri li x-xoghol taghhom huwa li jipprovdu sistemi hekk imsejha ta' energija nodfa lmentaw li l-kumpanija *Di Natura* kienet qed toffri sistema b'fotovoltajici lill-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz ghas-somma ta' elf Euro biss (€1000) u allegaw li biex isir dan bilfors kien hemm xi tip ta' abbuz. Spjega li l-MRA zammet numru ta' laqghat bejn ir-REAM kif ukoll Godfrey Formosa (rapprezentant ta' *Di Natura*) fejn

[1] Fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2012 (*a fol.* 436) id-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tharrek lil Mark Sciberras (rapprezentant tad-Dipartiment tal-Informazzjoni) sabiex jixhed rigward il-Gazzetta tal-Gvern u korrispondenza ezebiti bhala Dok. "AG 44" (*a fol.* 442).

Godfrey Formosa spjega li huwa kien qed jaghti xi tip ta' offerti lil min japplika mieghu, liema offerti kienu simili ghal ta' *suppliers* ohrajn. Spjega li fost l-oggetti rekwiziti ma' din l-applikazzjoni kellu jkun hemm ircevuta fiskali li tinkludi wkoll il-VAT u l-prezz globali li kull applikant kellu jhallas. Kull applikant kien obbligat li jiffirma din id-dikjarazzjoni, fosthom ukoll li jiddikjara li ma kienx qed jiehu sussidji ohra ghall-istess sistema fotovoltajika. Spjega kif l-MRA rceviet erba' mija u sittax (416) il-applikant minn Malta kollha u tmienja u tmenin (88) minnhom kienu mil-lokalita' ta' San Lawrenz, Ghawdex u li kollha ndikaw li s-*supplier* kellu jkun *D & G Projects Limited*. Jghid li l-prezz indikat f'dawn l-applikazzjonijiet kien dak ta' hamest'elef, disa' mija u disgha u disghin Euro (€5999) u ghalhekk kienu jikkwalifikaw ghal tlett elef Euro (€3000) bhala sussidju.

Jixhed li l-MRA ghamlet kjarifikazzjoni u baghtet ittra lil kull applikant fejn iccarat li l-prezz kwotat kellu jkun il-prezz finali u ma kellux jinkludi l-ebda tip ta' *discounts*, rigali jew offerti ohrajn. In segwitu ta' dan, *D & G Projects Limited* ghamel talba biex jemenda l-prezz indikat fis-sens li flok hamest'elef, disa' mija u disgha u disghin Euro (€5999) il-prezz jigi jaqra tlett elef, disa' mija u disgha u disghin Euro (€3999).

Spjega li huwa beda jinvestiga hekk kif il-kaz gie assenjat lilu fejn qal li Noel Formosa (is-Sindku ta' San Lawrenz) qallu li fis-sena 2009 kienu mbarkaw fuq progett simili biex ihajru lir-residenti tal-lokal imsemmi jinstallaw din it-tip ta' energija u meta semghu b'din l-iskema ta' sistema fotovoltajici ppruvaw jaghmlu progett simili u riedu jhajru lir-residenti u jaraw liema offerti kienu l-aktar vantaggjuzi. Jghid li Noel Formosa kkonfermalu li ntghazlet il-kumpanija *Di Natura* ghaliex kien offra l-prezz ta' hamest'elef, disa' mija u disgha u disghin Euro (€5999) li bir-*rebate* ta' hamsin fil-mija (50%) il-prezz jonqos bi tlett elef Euro (€3000) u peress li l-kumpanija kienet qed taghti ukoll *sponsorship* ta' elfejn Euro (€2000), il-prezz finali li kull klijent kellu jhallas kellu jkun biss dak ta' elf Euro (€1000). Jghid li din l-offerta kienet l-irhas wahda minn dawk il-kumpaniji kollha li kienu tefghu l-offerta taghhom fl-espressjoni ta' interess li kien hareg il-Kunsill Lokali. Spjega li l-

Kunsill Lokali kien gie mwieghed illi *D & G Projects Limited* kien lest li joffri sigra biex tithawwel fil-lokalita' ta' San Lawrenz ghal kull sistema fotovoltajika li kienet se titwahhal. Jghid li kien issemma li *D & G Procjects Limited* kien lest li joffri sistema b'xejn ukoll lill-knisja tal-lokal. Jixhed li d-decizjoni li ttiehdet bhala Kunsill Lokali kienet saret wara rakkomandazzjoni minn Bord ta' Aggudikazzjoni li waqqaf l-istess Kunsill Lokali li rrakkomanda li kellha tintghazel l-offerta ta' *D & G Projects Limited* mill-kumpaniji li tefghu l-offerta taghhom peress li kellha l-irhas prezz.

Jghid li l-Kunsill Lokali beda jilqa' l-applikazzjonijiet minn ghand ir-residenti tal-lokal u dawn kienu qed jintalbu jhallsu s-somma ta' elf Euro (€1000) li kellu jkun il-prezz finali li jhallas kull applikant. Jghid: *"Dwar, hekk imsejha sponsorship, ghaliex fl-offerta tad-D & G Projects kien hemm indikat sponsorship ta' elfejn Euro (Euro 2000), is-Sindku Noel Formosa kien qalli illi ma kienux saru diskussjonijiet dwar dan l-aspett però f'meeting minnhom partikolari li kellu mad-direttur tad-D & G dan kien issuggerixxa li din l-isponsorship setghet tithallas billi huwa kien lest li jhallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma tal-applikanti, sa naturalment massimu ta' elfejn Euro (€2000). Is-Sindku spjegali ukoll illi mbaghad gie mgharraf bil-complaint mill-Malta Resources Authority u huwa qal li huwa kien kiteb ittra lill-Prim Ministru biex jispjega l-pozizzjoni tal-Kunsill Lokali"* (*a fol.* 402-403).

Jixhed li huwa kellem, fost l-ohrajn, lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali u qal x'qalulu. Spjega li kien gie mitkellem ukoll Godfrey Formosa fejn spjega li l-kumpanija tieghu applikat ghal espressjoni ta' interess li kien hareg il-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz u offra sistema ta' 1.295kw ghall-prezz ta' hamest'elef, disa' mija u disgha u disghin Euro (€5999) liema prezz kien jinkludi r-*rebate* jew is-sussidju li kellu jaghti l-Gvern ta' tlett elef Euro (€3000). Jghid: *"Huwa kien lest li offra discount ta' elfejn Euro (€2000) li huwa semmieha taht l-isem ta' sponsorship, biex b'hekk il-klijent kien se jhallas disa' mija, disgha u disghin Euro (€999). Huwa spjega illi l-isponsorship kellha tithallas fis-sura, illi huwa kien lest li jhallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma lill-klijenti applikanti"* (*a fol.* 404). Jghid li Godfrey Formosa qallu li huwa kien ha dan il-progett biex jidhol u jippenetra s-suq ta' din l-industrija fis-sens li ladarba jirbah progett hekk kbir ikun

jista' jiehu prezzijiet ahjar mas-*suppliers* tieghu barranin. Jghid li Godfrey Formsoa qallu li l-prezz normali li kien qed jitlob ghal sistemi simili dejjem kienu fir-regjun ta' sitt elef Euro (€6000). Jghid li Godfrey Formosa nfurmah li meta huwa nforma lis-*supplier* tieghu barrani li kien rebah dan il-kuntratt, huwa gie moghti *discount* ta' sitta u ghoxrin fil-mija (26%) fuq il-pannelli kif ukoll *discount* ta' erbgha u tletin fil-mija (34%) fuq l-*inverters* li jintuzaw f'din is-sistema.

Jispjega li meta Godfrey Formosa sar jaf bl-ilment tar-REAM huwa kien ha parir ta' Dr. Simon Busuttil (li kien Membru tal-Parlament tal-Ewropa) u qal li kien emenda l-prezz minn sitt elef Euro (€6000) ghal erbat elef Euro (€4000). Jghid li meta gie lkalkulat li kien ser jaghmel telf ta' tmienja u tmenin Euro (€88,000), Godfrey Formosa nfurmah li l-intenzjoni tieghu kienet mhux li jaghmel il-qligh izda li jippentra s-suq. Jghid li Formosa cahad li nefah il-prezz biex f'isem l-applikanti jiehu sussidju oghla.

Jghid: *"Mill-informazzjoni li nghatajt mill-MRA u kif kien gie jidher illi kif gie miftiehem lilhom mill-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz illi l-offerti l-ohra kollha li kienu wrew interess u tefghu l-offerta taghhom fl-expression of interest mis-suppliers l-ohra kollha ma kienux jinkludu l-ebda tip ta' discounts, rigali, jew xi affarijiet bhal dawn"* (*a fol.* 405).

Jghid li meta tkellem ma' Anthony Rizzo, is-CEO tal-MRA, Rizzo kien urieh applikazzjoni li saret taht skema precedenti liema skema kienet tirrigwarda *solar water heaters*. Jixhed li Rizzo ghamillu riferenza ghal kaz fejn giet stallata sistema gewwa residenza ta' certu Edward Briffa f'Birkirkara u li peress li t-tielet parti ta' applikazzjoni partikolari ma gietx sottomessa fiz-zmien rikjest, l-applikant ma kienx aktar jikkwalifika ghas-sussidju. Jghid: *"Dan is-Sur Briffa kien mar jipprotesta mal-MRA u kien wera, anzi, ipprezenta lill-MRA dokument li kien gie moghti lilu mid-direttur tal-kumpanija s-Sur Godfrey Formosa illi fil-fatt d-dokument rekwizit mill-MRA kien gie sottomess lill-Awtorita' f'Settembru tal-elfejn u disgha (2009), fil-hin stipulat kif kien gie mitlub. Dan id-dokument kien iffirmat minn ufficjal jew skrivan gewwa l-Malta Resources Authority minn certu K. Azzopardi u kien gie spjegat lill-pulizija mis-CEO, Mr. Rizzo, illi din "K.*

*Azzopardi" lanqas biss kienet impjegata mal-MRA f'Settembru tal-elfejn u disgha (2009)"* (*a fol.* 405).

Jghid li Godfrey Fromosa spjega li huwa kienet kuntent li jigbor erbat elef Euro (€4000) minn kull sistema li jbiegh ghalkemm il-prezz indikat fl-bidu kien ta' sitt elef Euro (€6000) u ghalhekk hareg b'din l-idea tal-*isponsorship*. Jghid li Godfrey Formosa qallu li ma kienx jaf li ghal din l-iskema kien hemm fondi mill-Ewropa. Jixhed: *"Huwa qabel spjega illi s-sussidju ta' tlett elef Euro (€3000) kien se johrog abbazi meta tinhareg rcevuta ta' sitt elef Euro (€6000) u s-sitt elef Euro (€6000) kienu jinkludu l-isponsorship illi huwa kien hareg biha. U ghalhekk fit-tieni fazi jigifieri meta hu emenda l-prezz li kwazi minn sitt elef Euro (€6000) gabu erbat elef Euro (€4000) kien elimina l-isponsorship u kien qabel ukoll illi issa s-sussidju kien se jkun biss ta' elfejn Euro (€2000).*

*Meta gbidtlu l-attenzjoni li bid-dikjarazzjoni li saru kienu già lahqu saru u gew sottomessi lill-Awtorita' illi l-applikanti kienu se jiehdu parti mis-sussidju kien se jkun fuq il-prezz indikat li kien jinkludi l-isponsorship. Huwa qal li ma kellu l-ebda intenzjoni li jaghmel xi haga li tmur kontra l-ligi. Godfrey Formosa kkonferma illi l-applikanti ta' San Lawrenz qatt ma kienu se jhallsu l-prezz ta' sitt elef Euro (€6000), fizikament qatt ma kienu se johorgu s-somma globalti ta' sitt elef Euro (€6000) izda kienu biss qed jigu mitluba l-prezz ta' elf Euro (€1000) imbaghad kienu se jsiru arrangamenti li gialadarba dawn l-applikanti jircievu s-sussidju mill-Malta Resources Authority dawn imbaghad jghadduh lilu, lil Godfrey Formosa"* (*a fol.* 406).

Jghid li meta lil Formosa ghamillu riferenza dwar l-allegat falsifikazzjoni tad-dokument tal-MRA fil-kaz ta' Briffa, huma marru flimkien l-ufficju ta' Formosa u li Formosa kkummenta li dan id-dokument gie moghti lilu ffirmat mill-MRA imbaghad kien id-dmir tieghu li jghaddieh lill-klijent. Jghid: *"Fin-normalita' tieghu, il-procedura kienet li hu jghaddi biss kopja lill-klijent u hu jzomm l-originali"* (*a fol.* 406).

Jixhed li tkellem mal-membri tal-Bord ta' Aggudikazzjoni. Jghid li George u Michael Micallef kienu spjegawlu li huma kienu

applikanti f'din l-iskema u kienu hallsu l-prezz ta' disa' mija u disgha u disghin Euro (€999). Jghid li meta dawn gew mistoqsija dwar l-i*sponsorship* dawn qalulu li ma kienux ghamlu domandi dwar l-i*sponsorship*. Jghid ukoll li l-membru l-iehor tal-bord Mario Galea qallu li kien ghadu ma hallasx il-flus tieghu. Il-membri kollha kkonfermaw li l-prezz indikat veru kien ta' sitt elef Euro (€6000) izda kienu biss qaghdu attenti ghall-prezz finali li kellu jkun ta' disa' mija u disgha u disghin Euro (€999).

Jghid li gew mitkellma wkoll nies ohrajn residenti u applikanti fil-lokalita' ta' San Lawrenz u kollha qalu li hallsu s-somma ta' elf Euro (€1000). Qalu li fil-laqgha pubblika li kienu attendew ghaliha gew informati li s-sistema globali kellha tiswa madwar sitt elef Euro (€6000) pero kellhom ihallsu biss elf Euro (€1000) u forsi xi spejjez ohra zghar li kienu jkopru spejjez ta' stallazjoni. Jghid li dawn in-nies li gew mitkellma ma kienux taw importanza jew ma kienux jafu l-affari tal-i*sponsorship* jew xi rigal jew xi offerta ohra.

Jghid li tkellem ma' Oliver Brownrigg u Mark Bajada, President u Vici-President rispettivament tar-REAM. Jghid li dawn iz-zewg persuni ghandhom kumpaniji taghhom personali fejn filwaqt li Brownrigg huwa direttur tal-kumpanija *BT Commercials*, Bajada huwa direttur ta' *Bajada International Solar Systems*. Jghid li t-tnejn tefghu l-offerta taghhom lill-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz u sussegwentement kienu gew nfurmati li kienet giet mirbuha u moghtija lill-kumpanija *Di Natura*. Jghid li sar ilment ufficjali lill-MRA in segwitu tal-fatt li saru diskussjonijiet interni fl-assocjazzjoni u wrew dubji kbar kif din l-kumpanija *Di Natura* setghet tohrog bi prezz ta' elf Euro (€1000). Jghid li fost membri tal-assocjazzjoni tkellem ma' Adrian Cutajar u Simon Bugeja (li jirraprezentaw lill-kumpanija *Alberta Limited*) u David Zammit (li jirraprezenta lil *Solar Solutions*). Jghid li David Zammit ikkumentalu li l-prezz ta' erbat elef Euro (€4000) kif gie emendat minn *Di Natura* kien xi haga impossibbli u kien jissuspetta certu illegalita' biex wiehed seta' johrog b'dan il-prezz fis-suq.

Jixhed li tkellem ma' Edward u Anna Briffa li kkonfermaw li fit-8 ta' Gunju 2010 hadu d-dokument in kwistjoni huma nfushom

gewwa l-MRA u li nghad lilhom li l-MRA ma kellhom ebda dokument simili prezentat lilhom.

Jghid*: "kien gie diskuss bejn il-Kunsill Lokali mis-Sindku u s-Segretarja Ezekuttiva flimkien mas-supplier illi ma kellhiex tintalab is-somma ta' sitt elef Euro (€6000) izda biss tintalab is-somma ta' elf Euro (€1000) ghaliex illi kien logikament illi jithajru hafna iktar nies. Din il-materji illi jigifieri kellha tintalab biss is-somma ta' elf Euro (€1000) ukoll kienet giet diskutita fil-Kunsill Lokali kollu. Is-Sur Formosa kien qabel mieghi illi kienet logika wkoll illi gialdarba l-applikanti kienu se jikkwalfikaw ghas-sussidju ta' tlett elef Euro (€3000) kellha bilfors tinhareg rcevuta fiskali ta' sitt elef Euro (€6000) izda naturalment dan il-prezz ma kienx se jithallas. Pero s-Sindku kien qalli illi s-suggeriment li kellu jsir pagament ta' elf Euro (€1000) biss kien sar mis-supplier Godfrey Formosa"* (*a fol.* 409). Jghid li meta staqsa lil Noel Formosa ghaliex hu personalment ma kienx applika meta shabu kollha kienu applikaw jghid li dan wiegeb li huwa ma kien applika ghax ma xtaqx juri li kellu xi interess personali f'din l-iskema u peress li l-iskop wahdieni tieghu kien illi jghin lir-residenti u li setghu jgibu l-ahjar prezz ghar-residenti tal-lokal.

Spjega x'inghad fl-istqarrijiet rilaxxati. In segwitu ta' dan, saret riferenza ghad-dokumenti li gew esebiti mill-iSpettur Angelo Gafà. Fir-rigward ta' Dok "AG 10" (*a fol.* 232) jghid li dan huwa dokument falz ghaliex l-iskrivana li jidher li suppost iffirmat dan id-dokument ma kienitx impjegata u li certament dan id-dokument ma giex sottomess lil MRA f'Settembru 2009 kif kien jippretendi li sar Godfrey Formosa.

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2012, xehed ukoll **Dr. Reuben Balzan** (eks Chairman tal-MRA – *a fol.* 416 *et seq.*) u wara li gie muri Dok. "AG 1" (*a fol.* 24 *et seq.*) qal li dan id-dokumenti gie ppreparat minnu u mis-CEO Anthony Rizzo wara li Rizzo kien gie nfurmat minn certu David Zammit li kien hemm xi allegazzjoni ta' xi irregolarijiet fl-iskema li kienet ghadha kemm harget dwar l-iskemi tal-pannelli fotovoltajici. Jghid li kien gie appuntat bord ta' tlieta min nies u li mill-investigazzjoni li saret kien jidher *prima facie* li kien hemm xi affarijiet li ma jaghmlux sens, b'mod specifiku illi l-

prezz kif kien qed jigi dikjarat fl-applikazjonijiet li dahlu ghal din l-iskema seta' ma kienx il-prezz reali fis-sens illi kull min japplika kien intitolat ghall-massimu ta' tlett elef Euro (€3000) u milli jidher seta' kien il-kaz illi kien hemm xi applikazzjonijiet illi ghalkemm kienu qed jiddikjaraw il-prezz ta' hamest'elef, disa' mija u disgha u disghin Euro (€5999) effettivament wara li tnaqqsilhom il-*grant* ma kienux se jhallsu tlett elef Euro (€3000) imma kienu se jhallsu elf Euro (€1000) biss. Jghid li nharget ittra lil kull applikant fejn dawn gew infurmati li l-prezz li jinghata jrid ikun il-prezz wara li jitnaqqas kull skont jew *grant* jew *freebie*. Jghid li meta gie deciz li l-iskema ma kienitx se taghmel sens kif inhi, gie deciz li l-iskema tinghalaq.

In <u>kontro-ezami</u> jghid: *"Jekk m'inhiex sejjer zball ahna li ghidt fir-rapport huwa li dak iz-zmien ma kienx cert f'mohhna jekk kienx hemm misunderstanding jew jekk kienx hemm xi attentat ta' frodi. U ahna ovvjament ghamilna l-investigazzjoni biex nistabilixxu dan. Ovvjament minn dak li stabilixxejna f'dak l-istadju partikolari li qed issemmi inti kien ghadu mhux car f'mohhna u ghalhekk konna hrigna dik l-ittra fejn ahna kjarifikajna illi l-prezz li jigi indikat irid ikun il-prezz li minnu jkun tnaqqas kwalunkwe skont jew affarijiet b'xejn li jistghu jinghataw"* (*a fol.* 419). Ikkonferma li ghandu l-impressjoni li l-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz ghamel dan il-progett ghal-lokalita' ta' San Lawrenz b'mod miftuh. Jghid: *"Id-diffikulta' li kellna kienet li fid-dokumenti li tawna l-Kunsill Lokali fuq l-expression of interest, fic-chart li semmejt li qieghda hemmhekk, ma nafx x'dokument immarkat, kien hemm il-prezz inizjali li kien five nine nine nine (5999) u l-prezz finali li se jhallas il-konsumatur li kien se jkun nine nine nine (999). Ahna ma stajniex nifhmu kif jista' jkun illi ovvjament minn five nine nine nine (5999) ha jinzel nine nine nine (999)"* (*a fol.* 420).

> <u>Avukat Dottor Joe Giglio</u>:
> *"U giet spjegata – ghaliex six thousand (6,000), three thousand (3,000) hija r-rebate u two thousand hija sponsorship li tat Di Natura f'dan il-kaz partikolari, b'mod illi allura r-resident ta' San Lawrenz ultimately ha jhallas one thousand (1,000)"* (*a fol.* 420).

<u>Ix-xhud</u>:

*"Ahna ma fhimniex dik pero"* (*a fol.* 420). […] *"kien daqqa jghidu li se jinghata xi sponsorship, daqqa qalu li se jithallsu xi kontijiet tad-dawl u l-ilma, pero li hareg car mill-minuti kien li l-konsumatur se jhallas biss elf Euro (€1000), u allura dik ma tistax taghmel sens ghalina"* (*a fol.* 420).

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2012, xehed ukoll **Anthony Rizzo** (Kap Ezekuttiv tal-MRA – *a fol.* 426 *et seq.*) u wara li gie muri Dok. "AG 1" (*a fol.* 24 *et seq.*) qal li dan id-dokumenti gie ppreparat minnu u mic-Chairman tal-Awtorita u fih jaghtu *background* ta' x'kienet l-allegazzjoni li rcevew minn ghand ir-REAM. Jghid li l-allegazzjoni kienet illi l-prezz illi kienet qed ticcarga l-kumpanija *Di Natura* ma kienx reali. Jghid: *"Mas-Sur Noel Formosa jiena kont iltqajt ukoll qabel ma harget is-sejha, jigifieri qabel ma hrigna l-grant fejn dan kien ghamel suggeriment li ahna lqajnieh bhala Awtorita' fejn l-applikazzjonijiet ukoll jintlaqghu minn naha ta' Ghawdex, jigifieri kellna ufficju fejn l-applikazzjonijiet nilqughhom jigifieri apparti dawn il-laqghat li konna nitkellmu qabel ma harget l-iskema, kien ghamel suggeriment illi ahna nilqghu l-applikazzjonijiet Ghawdex. U infatti dan l-ufficju ahna ftahnieh ghax kien suggeriment validu.*

*Min-naha ta' Godfrey Formosa ta' Di Natura fil-laqghat li kellna mieghu dan speci ta' li qalilna huwa li mhux hu biss kien qed jaghmilha u ghamel allegazzjoni fuq supplier wiehed partikolari fejn qal illi mal-PV qed jinghata solar water heater. Pero meta jiena stess vverifikajt u ccekkjajt l-affarijiet ma sibtx li din l-allegazzjoni kienet fondata, jigifieri ma kien hemm l-ebda evidence min-naha taghna kemm fl-applikazzjonijiet u kemm mal-applikanti kif ukoll mas-supplier illi kien hemm xi skema illi tghaqqadhom it-tnejn. Kienu mifrudin u l-ispejjez tal-PV kienu cari u tondi differenti minn tas-solar water heaters"* (*a fol.* 428).

Illi, fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2012, xehdet ukoll **Karen Azzopardi** (*a fol.* 429 *et seq.*) fejn qalet li kienet tahdem mal-MRA mis-16 ta' Novembru 2009 sal-ahhar ta' Novembru 2010. Tikkonferma li kienet giet mitkellma mill-Pulizija rigward applikazzjoni li tirrigwarda lil Edward Briffa. Spjegat x'inhuma Dok. "AG 10" u Dok. "AG 11" (*a fol.* 232 *et seq.*) fejn qalet li mentri Dok. "AG 10"

hija *acknowledgement* li jigi moghti l-applikant meta jissottometti l-applikazzjoni tieghu, Dok. "AG 11" hija *acknowledgement* ta' Part III. Tghid: *"L-ewwel taghmel Part I, tapplika ghal Part I, u meta tigi approvata mbaghad ikollok erba' (4) xhur cans biex titfa' l-Part III. U wara l-erba' (4) xhur tista' tapplika ukoll ghal extension però jekk ma tapplikax ghal extension imbaghad titlifha"* (*a fol.* 430). Meta giet mistoqsija tghid jekk taghrafx xi haga fuq Dok. "AG 10" (*a fol.* 232) qalet li din hija *acknowledgement* pero qalet li mhux il-kitba taghha. Mistoqsija rigward il-firma fuq dan id-dokument tghid li kellha dubju jekk hijiex taghha pero wara kkonfermat li mhijiex taghha. Mistoqija min jimla fejn hemm Part III tghid li dawn jimtlew mir-*receptionists* stess u meta mistoqsija: *"Allura min kien jiffirmah, il-probabilità jimlih ukoll allura?"* (*a fol.* 430), wiegbet: *"Ezatt, ezatt, ezatt"* (*a fol.* 430). Tikkonferma li fid-data li tidher fid-dokument imsemmi, cioé 24 ta' Settembru 2009, hija ma kienitx tahdem l-MRA. Rigward Dok. "AG 11" (*a fol.* 233), tghid li dan l-*acknowledgment* gie ffirmat minn Melanie Sammut.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2012, xehdet **Dr. Angele Vella** (in rapprezentanza tad-Direttur tal-Gvern Lokali – *a fol.* 439 *et seq.*) fejn qalet li Lucia Anna Haber kienet tokkupa l-kariga ta' Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz mill-20 ta' Awwissu 1994 sa dakinhar li kienet qed taghti d-depozizzjoni taghha. Tghid li l-kunsillieri tal-Kunsill Lojali ta' San Lawrenza fil-kariga bejn l-1 ta' April 2007 u l-31 ta' Marzu 2012 kienu s-Sindku Noel Formosa, l-Vici-Sindku Anthony Formosa, u l-kunsilliera Giovanni Mercieca, Joseph Sultana u Luigia Grima.[2]

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2012, xehed ukoll **Mark Bajada** (*a fol.* 443 *et seq.*) fejn beda billi qal li huwa *Managing Director* ta' *Bajada International Solar Systems*. Jghid li kienu tefghu offerta in segwitu ta' espressjoni ta' interess ghall-pannelli u ma gewx maghzula. Ezebixxa l-offerta li giet immarkata bhala Dok. "MB 1" (*a fol.* 453 *et seq.*). Jghid li huwa vici-President tar-REAM u kkonferma li kien sar ilment. Ghad-domanda: *"Allura l-concern taghkom kien dwar*

[2] Fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2012 (*a fol.* 436 *et seq.*) id-difiza ezentat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq prova dwar l-awtenticita' tal-minuti tal-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz li huma mmarkati bhala Annex 3, 4, 5 ma' Dok. "AG 1" (*a fol.* 24 *et seq.*).

*dawn id-discounts li qed issemmi, hux hekk?"* (*a fol.* 445), wiegeb: *"Jidhirli, naf li kien hemm xi forma ta' skont, meta se tixtriha, meta ahna kif tfajna l-expression of interest taghna, ahna tfajna prezz li huwa per ezempju tlett elef (3,000) net of grant – sewwa? – u daqshekk, dak kien il-prezz. Jigifieri ma ergajniex tajna skontijiet ohrajn fuq il-prezz"* (*a fol.* 445).

In kontro-ezami jghid li sa fejn hu, il-kumpanija *Di Natura* jew Godfrey Formosa m'humiex membri tar-REAM. Jghid: *"Ir-REAM kellha complaint, nahseb, lejn il-Kunsill, jekk niftakar sew, qed nghidlek ma niftakarx cert, pero lejn il-Kunsill, jidhirli kienet lejn il-Kunsill il-ghaliex ovvjament kien il-Kunsill li kien qed jikkordinha dan it-transazzjoni, dan in-negozjar"* (*a fol.* 448). Ghad-domanda jekk huwa huwiex kompetitur ta' *Di Natura*, wiegeb fl-affermattiv.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2012, xehed ukoll **George Micallef** (*a fol.* 461 *et seq.*) fejn qal li martu Carmen Micallef tahdem bhala *part-time* skrivana mal-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz. Jghid li huwa gie mqabbad mis-Sindku Noel Formosa flimkien ma' Michael Micallef, Josef Micallef u Mario Galea bhala bord biex jevalwa l-applikazzjonijiet tal-pannelli. Wara li ra Dok. "AG 3" (*a fol.* 161 *et seq.*) qal li huma raw hdax (11) il-applikant, ghamlu *brief summary* taghhom u li l-kumpanija *Di Natura* kienet skond l-ispecifikazzjoni li kienu hargu. Mistoqsi jghid kif waslu ghal figura ta' disa' mija u disgha u disghin Euro (€999) jghid li huma raw l-irhas prezz li kien hemm. Ikkonferma li dan jirrizulta minn Dok. "AG 4" (*a fol.* 163 *et seq.*). Jghid li wara li gie kkunsidrat l-aspett tekniku, marru ghall-irhas prezz li kien hemm tal-offerta. Ikkonferma li kien hemm *suppliers* ohra li kienu jilhqu l-kondizzjonijiet ta' *consumption* u dwar l-istruttura pero l-fatt determinanti kien il-prezz.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2012, xehed ukoll **Michael Micallef** (*store-keeper* ma' kumpanija privata – *a fol.* 469 *et seq.*) fejn qal li huwa pogga fuq bord ta' evalwazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz wara li kien gie avvicinat mis-Sindku Noel Formosa. Wara li ra Dok. "AG 3" (*a fol.* 161 *et seq.*) qal li wara li ghamlu *summary* waslu ghall-konkluzjoni li kellu jintghazel Godfrey Formosa ghas-sistema tal-pannelli. Mistoqsi jghid ghala gie

maghzul, wiegeb: *"Ghax kienet bhala teknikament kienet up to standards u fl-ahhar mill-ahhar il-prezz kien dak li hu"* (*a fol.* 471). Mistoqsi jghid x'kienet id-differenza bejn is-sistema ta' *Di Natura* ta' Godfrey Formosa u l-ohrajn, wiegeb li d-differenza kienet fil-prezz.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2012, xehed ukoll **Josef Micallef** (Enginier mal-Enemalta – *a fol.* 472 *et seq.*) fejn xehed fuq l-istess linji li xehed fuqhom Michael Micallef. Jghid li kien membru tal-bord ta' evalwazzjoni. Jghid li waslu ghall-konkluzjoni li l-kumpanija *Di Natura* kien l-irhas u bhala materjal kien ukoll l-ahjar. Jghid li bhala struttura tal-pannelli fotovoltajici kienet l-ahjar. Jghid li haddiehor kien qed joffri l-*aluminium* u ta' *Di Natura* kien qed joffri l-*galvanised steel*. Mistoqsi jghid jekk kienx *Di Natura* biss li kien qed joffri din is-sistema, wiegeb li skond ir-rapport kien hemm tnejn ohra.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2012, xehed ukoll **Mario Galea** (Enginier – *a fol.* 474 *et seq.*) fejn ikkonferma li kien membru tal-bord ta' evalwazzjoni tal-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz rigward sistema ta' pannelli fotovoltajici. Jghid li gie maghzul biex jigi rakkomandat Godfrey Formosa bhala *Di Natura* u dana sar wara li saret evalwazzjoni u raw li l-parti teknika kienet valida u l-prezz tieghu kien l-irhas. Mistoqsi jghid x'kien il-fattur determinanti wiegeb li kien il-prezz. Jghid li teknikament l-ohrajn kienu tajbin u kienu validi pero ma kellhomx l-irhas prezz. Jghid li l-prezz finali kellu jigi ta' disa' mija u disgha u disghin Euro (€999) ghal kull klijent.

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li, apparti l-prezz, fir-rapport taghhom isemmu wkoll l-uzu tal-*galvanised steel* flok l-*aluminium*.

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2012, xehed ukoll **Edward Briffa** (*a fol.* 477 *et seq.*) fejn qal li huwa jaf lill-imputat Godfrey Formosa peress li kien mar ghandu biex jixtri *solar water heater* ghad-dar tieghu. Spjega li beda jistenna *refund* mill-MRA ta' erba' mija u sittin Euro (€460) u meta mar ghand l-imputat Godfrey Formosa u staqsieh jekk kienx baghat l-applikazzjoni ghand l-Awtorita', dan

wiegbu fl-affermattiv u meta talbu kopja taghha biex ikun jista' jmur l-MRA biha, Godfrey Formosa tah kopja u meta mar b'Dok. "AG 10" (*a fol.* 232) u mar biha ghand George Cassar tal-Awtorita', Cassar qallu li ma kien hemm hadd li kellu dik il-firma li kien fuq dak id-dokument. Jghid li Cassar qallu li l-applikazzjoni tieghu ma nstabitx ghand l-Awtorita' u li dik li mar biha ma tghoddx. Jixhed li martu Anna Maria Briffa kienet mieghu meta mar ghand George Cassar.

In <u>kontro-ezami</u> jghid li suppost kellhom japplikaw sal-4 ta' Ottubru u li fuq id-dokument li gie moghti (Dok. "AG 10" – *a fol.* 232) hemm indikat l-24 ta' Settembru 2009. Ezebixxa ittra li nghata mill-MRA (liema ittra giet immarkata bhala Dok. "EB 1" – *a fol.* 483). Ezebixxa wkoll l-original ta' Dok. "AG 11" (*a fol.* 233), liema original gie mmarkat bhala Dok. "EB 2" (*a fol.* 484).

Illi, fis-seduta tal-20 ta' Gunju 2012, xehdet ukoll **Anna Maria Briffa** (*a fol.* 485 *et seq.*) fejn qalet li hija mart Edward Briffa u li lill-imputat Godfrey Formosa tafu ghax xtraw *solar water heater* minn ghandu. Tghid li Godfrey Formosa qalilhom li kien ser jiehu hsieb jaghmel applikazzjoni ghal *refund* ta' erba' mija u sittin Euro (€460). Tixhed li fis-7 ta' Settembru 2009 baghtet *email* lil Godfrey Formosa bir-ritratti tas-*solar water heater*. Tghid li wara gew infurmati mill-MRA li huma ma kienux ser jircievu l-ebda *refund* peress li l-applikazzjoni kienet intbaghtet tard. Tghid li talbu lil Godfrey Formosa jaghtihom kopja tal-applikazzjoni. Tispjega li ma tahilhomx mal-ewwel u aktar tard tahom Dok. "AG 10" (*a fol.* 232) u marru biha ghand l-MRA u wara li tkellmu ma' George Cassar, Cassar qalilhom li dak id-dokument ma kienx wiehed tajjeb peress li l-persuna li ffirmat fuq id-dokument ma kinitx tahdem hemm dak iz-zmien. Tghid li ma jidhirlix li dan id-dokument instab fir-*records* tal-MRA. Tghid li huma baqghu ma hadux ir-*rebate*.

In <u>kontro-ezami</u> tghid li, jekk mhux sejra zball, min iffirma d-dokument kienet persuna li kienet tahdem xi zmien l-MRA pero ma kienitx tahdem meta allegatament gie ffirmat dan id-dokument. Tikkonferma li Cassar gharaf il-firma bhala impjegat tal-MRA.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Settembru 2012, xehed **Oliver Brownrigg** (*a fol.* 498 *et seq.*) fejn qal li l-kumpanija tiegħu jisimha *BT Commercials* u jgħid li huwa impurtatur ta' prodotti varji ta' energija alternattiva. Jgħid li huwa President tar-REAM u li fi Frar 2010 Dr. Geoffrey Mifsud Farrugia kien Segretarju tar-REAM. Ikkonferma li Dr. Mifsud Farrugia baghat ittra lil MRA (*a fol.* 28). Jgħid li l-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz kien hareg *tender document* u d-diffikulta' nqalghet meta kompetitur minn taghhom, cioé *Di Natura* mmexxija minn Godfrey Formosa, kellu prezz baxx hafna. Jghid: *"Meta rajna bil-mod illi prezenta t-tender tieghu seta' kien hemm nghidu l-grants tal-Gvern kienu se jigu manipulati b'mod illi kien ikun hemm vantagg biex tinbiegh dik is-sistema, il-fondi kienu se jintuzaw aktar malajr u b'hekk ahna meta rajna hekk kellimna lil MRA u ghidnielhom lil MRA u ghidnielhom: "isma'; din hija legali? Tista' inti fuq grant tal-Gvern tgholli l-prezz biex imbaghad bhal speci jinhareg discount wara biex il-vantagg tal-grant jinharaq jittiehed kollu?"* (*a fol.* 499). Jghid: *"Fil-qasir, li jigri fuq grant tal-Gvern tal-ERDFs il-Gvern itik sa tlett elef Euro (€3000) massimu, imma inti trid tonfoq sitt elef (6,000). Jekk tonfoq erbat elef (4000) itik elfejn (2000), jekk tonfoq elfejn (2000) itik elf (1000). Li jigri nor-, li rajna li seta' kien qed jigri li jekk kien qed joghla l-prezz jinghata discount wara, allura l-klijent kien se jibbenifika minn grant shih; johrog inqas flus, imma din konna nafu illi fil-grants ma setghux isiru. Inti ma tistax tohrog discount wara l-grant. Inti trid tohrog discount qabel ma jinghata l-grant, ghax inkella l-fondi jmorru b'mod sproporzjonat ghand dak il-konsumatur li qed jgholli l-prezz kemm qed jixtriha mbaghad jinghata discount wara"* (*a fol.* 499).

Jghid li lil MRA staqsewhom jekk kienitx legali sabiex huma jkunu jistghu juzaw l-istess metodologija u li l-MRA qalulhom li ma kienitx peress li gie spjegat lilhom li fil-*guidelines* huma ma setghux jaghmlu dan it-tip ta' uzu mill-*grant* b'dak il-mod. Jghid: *"Jigifieri fir-rigward tal-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz kien ghamel it-tender, ghamel dak li kellu jaghmel b'mod car u trasparenti, u nemmen ukoll li forsi n-naha l-ohra u minghajr ma kienet taf uzat il-grant b'dak il-mod, imma li ma tistax, ghax kieku bqajna naghmlu hekk konna nispiccaw bla flus bhala grant u konna wkoll, nemmen, illi jista' ghada pitghada jkunu nvestigati u nigu mitluba dawn il-flus, irodduhom lura"* (*a fol.* 500).

In kontro-ezami gie muri estatt minn gurnal li gie mmarkat bhala Dok. "OB 1" (*a fol.* 507 *et seq.*) u kkonferma dak li jirrizulta li qal lill-gurnalist Christian Peregin f'dan l-estratt. Jghid: *"bhala Association ahna xtaqna corrective measures, u nghid ghalfejn qed nghid hekk, ghax anke fl-istatement niftakar ghidtha cara. Ahna ma nixtiqux illi azzjoni kriminali tittiehed kontra wiehed mill-kollegi taghna. Imma sintendi nitolbu illi min skorrett – ghax inkella tigi unfair competition fuq il-membri l-ohrajn"* (*a fol.* 505). Jghid li huwa ma qabilx mal-MRA li ddahhal il-Pulizija. Pero jghid li ma jistghax jghid jekk l-MRA kellhiex ghazla ohra. Jghid: *"Ahna l-MRA ma kinitx cara, nahseb ma' kulhadd f'certu affarijiet specjalment fil-bidu tal-, imma eh imma ma nistax nghidlek illi ghalina fhimna li ma kienx korrett dak il-mod kif qed jahdem is-Sur Formosa. Ghalina hekk bdejna nahs- nifhmu, u b'hekk tlabna lill-MRA biex tiggwidana jekk hux korrett jew le"* (*a fol.* 506). Ghad-domanda jekk kienx minn hemmhekk il-quddiem illi kienet kjarifikata, wiegeb fl-affermattiv.

Illi, fis-seduta tat-12 ta' Settembru 2012, xehed ukoll **George Cassar** (*a fol.* 509 *et seq.*) fejn spjega li huwa ilu mis-sena 2002 bhala Inginier mal-MRA. Jixhed li kopja ta' Dok. "AG 10" (*a fol.* 232) gie f'idejh meta Edward Briffa u martu marru l-ufficju tieghu u lmentaw li ma kienx sar il-hlas lilhom u li hu qalilhom li skond ir-*records* kellu jidher li l-applikazzoni waslet f'Jannar 2010. Jghid li bid-dokument li gie mittiehed minn Briffa kien jidher li d-data fuqu kienet dik ta' Settembru 2009. Jghid li l-firma li kien hemm fuq dan id-dokument kienet jew ta' Karen Azzopardi jew kienet tixbahha hafna. Jghid li rrizulta li f'Settembru 2009 Karen Azzopardi ma kienitx tahdem l-MRA. Spjega min kienu in-nies li kienu jipprocessaw l-applikazzjonijiet.

**George Cassar** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2012 (*a fol.* 517 *et seq.*) fejn ezebixxa tnax il-kopja tal-*Confidentiality Agreements* tal-impjegati li kienu jipprocessaw l-applikazzjonijiet mertu tal-kawza odjerna. Dawn gew immarkati bhala Dok. "GC 1" sa "GC 12" (*a fol.* 521 *et seq.*). Jghid li kien hemm tnax il-persuna li setghu johorgu *acknowledgement*.

**George Cassar** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tal-10 ta' April 2013 (*a fol.* 602 *et seq.*) fejn ezebixxa lista tal-impjegati li f'Settembru 2009 kienu jipprocessaw l-applikazzjonijiet ghall-iskema ta' pannelli fotovoltajici, liema lista giet immarkata bhala Dok. "GC 13" (*a fol.* 607). Ikkonferma li Karen Azzopardi, li tidher f'din il-lista, ma kienitx impjegata f'Settembru 2009 u li hi giet mitkellma peress li l-firma in kwistjoni kienet toqrob lejn taghha. Jghid l-ewwel seba' min nies li jidhru fil-lista kienu *self-employed* mentri l-erbgha ta' taht kienu impjegati tal-MRA. Ezebixxa l-original tal-*confidentiality agreements* ta' dawn l-impjegati, li gew immarkati bhala Dok. "GC 14" sa "GC 24" (*a fol.* 608 *et seq.*)..

Illi, fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2012, xehed **Marcel Tabone** (*a fol.* 577 *et seq.*) in rapprezentanza tal-Korporazzjoni ta' Xoghol u Tahrig fejn ta dettalji dwar l-impiegi ta' Karen Azzopardi (I.D. Nru. 13488(M)). Ezebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dok. "MT 1" (*a fol.* 579 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2014, xehdet **Dr. Juliana Scerri Ferrante** (*a fol.* 673 *et seq.*) fejn spjegat li rrizultalha li l-firma li tidher fuq Dok. "AG 10" (*a fol.* 232) mhijiex il-firma ta' Karen Azzopardi kif filfatt Azzopardi cahdet. Tghid: *"L-AG riedet tkun taf jekk din kienitx taghha jew le. Le, mhux taghha. Issa, jekk min ghamilha hija problema biex tiddetermina because jekk hija simulated anke jien stajt ghamiltha. Jigifieri ghal xejn qieghda ssir talba mill-Prosekuzzjoni illi gaghlitni u hadet u hadt jiena l-firem kollha ta' dawn in-nies kollha li jahdmu hemmhekk biex tghid min ghamilha. No, you can never reach that conclusion. Jiena bhala esperta naf x'inhuma l-limiti tieghi, naf x'inhuma l-fakoltajiet tieghi u hadd ma jista' jghid min ghamilha. Jigifieri mbaghad irid ikun hemm provi ohra ghand min kien dan id-dokument, fatti ohra"* (*a fol.* 674). Hija pprezentat ir-rapport taghha li gie mmarkat bhala Dok. "JSF 1" (*a fol.* 676 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2014, xehed l-i**Spettur Ian Joseph Abdilla** (*a fol.* 736) fejn ipprezenta sentenza moghtija fil-15 ta' Ottubru 2008 fil-konfront ta' Godfrey Formosa (I.D. Nru. 102979(M)), liema sentenza giet immarkata bhala Dok. "IA 1" (*a fol.* 737 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Mejju 2016, xehed l-imputat **Godfrey Formosa** (*a fol.* 755 *et seq.*) fejn spjega li f'Novembru 2009 il-Gvern Malti kien hareg is-sussidju fil-*budget* ghas-sena 2010 li kien ha jalloka sussidju ta' massimu ta' tlett elef Euro (€3000). Qal li kien ilu josserva dak li kien qed jaghmel il-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz fejn offra l-bozoz b'xejn ghar-residenti kollha. Jghid li ghamel appuntament mas-Sindku Noel Formosa u nfurmah li xtaq jaghti l-kontribut tieghu biex jaghmlu l-istess progett bhalma ghamlu qabel fis-settur tal-pannelli fotovoltajici. Jghid li sal-15 ta' Jannar 2010 ma kien ghad hemm l-ebda linji gwida kif kellhom ikunu r-regoli tal-pannelli fotovoltajici. Ezebixxa zewg applikazzjonijiet li gew immarkati bhala Dok. "GF 1" (*a fol.* 775 *et seq.*) u Dok. "GF 2" (*a fol.* 778 *et seq.*). Jghid li meta harget l-applikazzjoni tas-sena 2010 (Dok. "GF 3" – *a fol.* 780 *et seq.*) kien hemm is-segwenti kondizzjoni: *"I confirm that I (or other members of the household) have not obtained any other grants or subsidies for this system either from the Government of Malta funds or EU funds"* (*a fol.* 781). Jghid li din il-kondizzjoni kienet tezisti wkoll f'dik li kienet harget ghas-sena 2009 (Dok. "GF 2" – *a fol.* 778 *et seq.*) bid-differenza li tas-sena 2010 kellha l-logo tal-Unjoni Ewropea. Jghid li mis-sena 2011 il-quddiem, kif jidher f'Dok. "GF 4" (*a fol.* 782 *et seq.*) kienet zdiedet kundizzjoni ohra: *"I further confirm that I (or any member of the household) are not in receipt of any donations (financial or in kind) including discounts, offers or gifts which have not been deducted in the quotation attached to this application"* (*a fol.* 784). Jghid li r-rahal shih ta' San Lawrenz kien interessat fil-pannelli fotovoltajici. Jghid: *"Jien spjegajt lill-Awtorita', lil George Cassar u lil min kien hemm mieghu, li jien logistikament, sewwa, is-sistema ha tigi irhas ghax jiena…hemmhekk, inqassam ix-xoghol, l-istaff kollu qieghed hemmhekk, allura l-cost tieghi inqas. Però l-Awtorita', l-MRA, baqghet tinsisti li jekk jien bieghet din is-sistema San Lawrenz, in-Naxxar, Had-Dingli jrid ikun dejjem l-istess prezz. Ghidtlu, sewwa, imma teknikament mhux ha tkun hekk, ghidtlu, il-prezz se jkun inqas. Qalli, le irid ikun dejjem l-istess. Qalli, ahna, is-sussidju ha johrog skond il-fiscal receipt li se tipprezenta, li fil-kaz taghna dejjem kienet u kienet ha tkun ta' sitt elef Euro (€6000), l-ammont tal-valur tas-sistema li hi"* (*a fol.* 757). Qal li ried jaghmel forma ta' skema tieghu sabiex tkun attraenti fejn l-individwu jhallas elf Euro (€1000) u d-differenza ta' elfejn Euro (€2000) kienu ser

jaghtuha *sponsorship* minn naha tal-kumpanija. Jghid li l-valur tal-bejgh ikun dak ta' hamest'elef, disa' mija u disgha u disghin Euro (€5999) fejn is-sussidju ta' tlett elef Euro (€3000), qabel is-sena 2009, kien gej mill-Gvern ta' Malta minn skema gejja mill-Unjoni Ewropea pero l-klijent ihallas elf Euro (€1000). Jghid li s-sussidju kien dak ta' tlett elef Euro (€3000) peress li fil-*budget* nghad hekk, u cioé hamsija fil-mija (50%). Jghid: *"L-individwu li japplika, fil-kaz biss ta' San Lawrenz. Naghmlu l-progett kollu, inwahhlu l-pannelli, jitwahhal kollox, jixghel, bis-certification tal-inginier, u mbaghad jien nohrog il-fiscal receipt ghall-valur li jiena wahalt fuq il-bjut tan-nies li jigu sitt elef Euro (€6000) jew fil-kaz taghna five, nine, nine, nine (5,999) sewwa? L-MRA taghti t-tlett elef Euro sussidju lill-individwu; meta jircevuh huma niehdu jien, tipo ta' payment term, sewwa?"* (*a fol.* 759). Jghid li l-idea gietu minn sistema li ssir regolari barra minn Malta. Ezebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dok. "GF 6" (*a fol.* 794 *et seq.*) in sostenn ta'dan. Fir-rigward tal-elfejn Euro (€2000) differenza jghid: *"Dawk huma sponsorship min-naha tal-kumpanija taghna, jithallsu kont tad-dawl u ilma lil Water Services jew l-ARMS x'kienet il-kumpanija u jkun bhala marketing tool"* (*a fol.* 759). Jghid li dawn l-elfejn Euro (€2000) jithallsu ghal kull klijent. Jixhed li ma kellux skop li jaghmel profitt minn dan il-progett pero l-iskop kien biss dak ta' *marketing exercise*. Ta spjegazzjonijiet rigward reklamar u ezebixxa dokumenti in sostenn ta' dan, liema dokumenti gew immarkati bhala Dok. "GF 7" (*a fol.* 796 *et seq.*). Jghid li San Lawrenz seta' jkun rahal shih bil-pannelli fotovoltajici u li dan kien ikun reklam kbir ghalih u dana minflok johrog cekk dwar reklamar fuq televizjoni jew fieri. Jghid li huwa diretur u sid ta' *Di Natura* u ta' *D&G Projects Limited*. Jghid li wara li hu u s-Sindku marru l-MRA, gew imhegga biex jidhlu ghal progett. Spjega x'gara meta infethu l-applikazzjonijiet u qal li n-nies tar-REAM huma kompetituri tieghu. Jghid li l-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz kien hareg espressjoni ta' interess u tefghu l-offerti taghhom diversi nies li kellhom interess inkluz dawk li huma membri tar-REAM. Jghid li fit-12 ta' Marzu 2010 intbaghet ittra, li giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "GF 8" (*a fol.* 806 *et seq.*), fejn gew infurmati li jekk kienet saret xi tip ta' offerta, jew jekk taw xi *sponsorship*, jew taw xi *solar water heater* b'xejn, xi *weekend break*, xi *reverse osmosis* b'xejn, xi bozoz b'xejn, dawn iridu jiddahhlu fil-*quotation* jew l-*invoice* jew

jitnaqqas il-valur taghha. Spjega li kompetituri tieghu taw b'xejn is-segwenti: *solar water heater* u *blue filter* (Dok. "GF 9" – *a fol.* 808), *solar water heater* (Dok. "GF 10" – *a fol.* 809), erbghin (40) *energy saving bulbs* (Dok. "GF 11" – *a fol.* 810), u *weekend break* (Dok. "GF 12" – *a fol.* 811). Jghid: *"minn dak iz-zmien 'il hawn baqghu johorgu offerti. Fil-fatt id-differenza minn dak iz-zmien 'il hawn li trid tiddikjarahom fil-quotation illi tohrog. Dak iz-zmien ma kinitx qieghda parti mir-regola"* (*a fol.* 765). Ipprezenta dokument tal-*BT Commercials* li gie mmarkat bhala Dok. "JF 13" (*a fol.* 812).

Jixhed li in segwitu tal-ittra li giet mibghuta mill-MRA fejn kwalunkwe rigal u *discounts* kellhom jigu mnaqqsa, huwa (Godfrey Formosa) ha parir minn ghand dak iz-zmien il-MEP Simon Busuttil fejn qallu li anqas basket tal-iskola ma tista' taghti b'xejn. Jghid li Busuttil qallu li kien ikun ahjar kieku jekk setgha jirregolarizza l-pozizzjoni tieghu tant li hu (Godfrey Formosa) cempel lil Anthony Rizzo, tah il-*files* originali tieghu stess u hu (Godfrey Formosa) qallu li kien ser inehhi l-i*sponsorship* li ta u flok hamest'elef, disa' mija u disgha u disghin Euro (€5999) kienu ser jigi erbat elef Euro (€4000). Jghid li naqqas l-i*sponsorship* ta' elfejn Euro (€2000). Jghid li dan it-tnaqqis minn hamest'elef, disa' mija u disgha u disghin Euro (€5999) ghal erbat elef Euro (€4000) kellu impatt finanzjarju kbir peress li kellu rahal shih. Jghid li lis-Sindku qallu biex jaghmluha elfejn Euro (€2000) pero s-Sindku qallu li lin-nies kien qalilhom elf Euro (€1000) u b'hekk elf Euro (€1000) kellha tibqa'.

Mistoqsi dwar kif kienet ser tohrog l-ircevuta fiskali meta originarjament kien qed ibiegh bil-hamest'elef, disa' mija u disgha u disghin Euro (€5999) u wara gie biex ibiegh bit-tlett elef, disa' mija u disgha u disghin Euro (€3999), jghid li l-ircevuta fiskali kienet se tohrog bil-valur tal-flus, fis-sens li qabel kienet ser tohorg hamest'elef, disa' mija u disgha u disghin Euro (€5999) u wara kienet se tohrog erbat elef Euro (€4000). Jghid: *"Jien il-fiscal receipt kienet se tkun four thousand Euros (€4,000). Ha nohrog il-VAT li hemm fuq din bhala spiza tieghi"* (*a fol.* 766). Mistoqsi jghid jekk kienx in regola mal-applikazzjoni originali, wiegeb fl-affermattiv. Jghid: *"Li nixtieq inzid punt jekk ma jimpurtax, din problema finanzjarja, sewwa is-supplier taghna stess li kont se nixtri l-pannelli qabel u wara, gheni ukoll*

*u tani erbgha u ghoxrin fil-mija (24%) discount fuq l-invoices tieghi. Jigifieri jien nixtieq nipprezentahom ukoll jekk ma jimpurtax"* (*a fol.* 766). Ipprezenta zewg *invoices* li gew immarkati bhala Dok. "GF 14" (*a fol.* 813) u Dok. ."GF 15" (*a fol.* 814). Ezebixxa wkoll hames ircevuti fiskali li gew immarkati bhala Dok. "GF 16" (*a fol.* 815 *et seq.*).

Jghid li lil Rizzo staqsieh kemm kien hemm nies li kienu irregolarizzaw ruhhom u Rizzo qallu li hu biss kien irregolarizza ruhu. Jixhed: *"Ghidtlu, x'jigifieri jien biss? Ghidtlu, l-ewwel haga diga' infurmajtek li hemm haddiehor jaghti dan it-tip ta' affarijiet, solar water heater minimu l-valur tieghu ghandek elf u mitejn Euro (€1,200) sa elfejn Euro (€2000), jigifieri hemm valur sostanzjali, ghidtlu l-ewwel haga mhux sewwa li dan it-tip ta', jew jien jew kulhadd, jew mhux jien jew kulhadd. Fil-fatt sfortunatament, insemmi, li l-iskema ghalquha fit-tletin (30) ta' Mejju"* (*a fol.* 767). Specifika li l-iskema giet kancellata. Ipprezenta ittra li giet immarkata bhala Dok. "GF 17" (*a fol.* 821). Ipprezenta dokumenti ohra li gew immarkati bhala Dok. "GF 18" (*a fol.* 822) u Dok. "GF 19" (*a fol.* 823).

Ghad-domanda dwar jekk kienx hemm xi facilitazzjoni da parti ta' xi kunsilliera tal-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz biex hu (Godfrey Formosa) jiehu dan it-*tender*, wiegeb fin-negattiv. Jghid li ma kien hemm l-ebda pjaciri jew l-ebda obbligi. Jghid li l-iskop tal-Kunsill Lokali kien li jilqghu l-applikazzjonijiet u li f'dan il-kaz gabru d-*deposits* huma u ghaddewhom lilu (lil Godfrey Formosa) u meta kien hemm din il-problema, gew moghtija l-flus kollha lura. Jghid li wara li thassret l-iskema, fis-sajf regghet harget skema b'regoli aktar cari. Jghid li dan kien fis-sena 2010. Jghid: *"Jekk inti tajt id-discounts trid tiktibhom u tnaqqsu mill-valur jghidulu l-eligible cost, jigifieri mill-pannelli u mill-inverter, biex fuqu ma jiehu sussidju. Jigifieri jekk jiena f'dan il-kaz tajt elfejn Euro, jitnaqqsu l-elfejn mill-valur u – "* (*a fol.* 770). Jghid li wara li l-prezz gie mnaqqas ghal erbat elef Euro (€4000), is-sussidju naqas ghal elfejn Euro (€2000) minn tlett elef Euro (€3000).

Mistoqsi dwar is-*solar water heater*, jghid li kien mar ghandu klijent partikolari u staqsieh biex jaghtih kopja tal-Part B, l-*acknowledgement* tal-MRA. Jghid li f'dan il-kaz, il-*file* kien ghand l-

awditur u qallu (lil dan il-klijent) biex imur il-gimgha ta' wara u hekk gara. Jghid: *"bazikament jiena isfel ghandi ufficcju, fuq l-ufficju tieghi. Ahna nzommu l-files tal-klijent kollha minn mindu hargu l-iskemi go arkivju taghna; jien ma nistax inzommu fl-ufficcju taghna. Jigifieri dawn jiffajlawhom is-segretarji taghna, kollha bl-individwi, bil-fiscal receipt b'kollox, ghax jiena ghandi l-obbligu li nzomm il-fiscal receipts ukoll minhabba fondi tal-Ewropa. Ftahnih u tajnih l-acknowledgment"* (*a fol.* 772). Mistoqsi min mar b'Part B, jghid li seta' mar xi hadd mill-*installers* tieghu, seta' mar ir-*runner* tieghu, jew xi hadd minn taghhom. Jghid li hu personalment ma jmurx ta' spiss l-MRA. Jixhed li meta jigu l-karti lura, dawn jigu ffaljati. Jghid li l-klijent partikolari qallu li George Cassar kien qallu li dak id-dokument li kien tah kien wiehed falz. Mistoqsi jghid jekk jafx min mar l-MRA bil-Part B jghid li ma jafx. Jghid li xi hadd mill-istaff tieghu ffalja dan id-dokument.

In <u>kontro-ezami</u> kkonferma li l-klijent kellu johrog elf Euro (€1000) u elfejn Euro (€2000) ohra kellhom jinghataw bhala forma ta' *sponsorship*. Mistoqsi: *"allura jekk dan il-pilot project tal-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz kellu jservi bhala forma ta' reklamar, sewwa, x'kien se jigri effettivament on a larger scale meta inti qed titlef già on a small scale?"* (*a fol.* 773), wiegeb: *"Bazikment wara dan il-progett – anzi, during, meta konna qed niddiskutu ta' San Lawrenza, kien già kellimni personali l-kunsill tal-Mellieha biex jaghmel l-istess tip ta' progett. [...] Jigifieri meta inti ghandek Di Natura titkellem fuqha li isma', li dan ghamlu rahal shih pannelli, jigifieri dan huwa reklam u biex jien ingib progetti ohra simili, jista' jkun residenzjali jew kummercjali"* (*a fol.* 773). Ghad-domanda: *"Ghar-rigward financial aspect jigifieri l-utility, is-subsidy li kellu jinghata mill-MRA lir-resident ovvjament imbaghad ir-resident kellu jghaddih lilek, kif kien se jghaddih dan? Kien se jghaddih lilek dirett? Kien se jghaddih lilek through il-Kunsill?"* (*a fol.* 774), wiegeb: *"Through il-Kunsill, iva. Ahna, bil-Malti, l-ewwel haga kien riskju ghalija kbir ghax dan kien [...] Jien spjegajt minn day one kif kien il-project. Jigifieri jien qatt ma biddilt verzjoni. Ahna kellna laqgha, intlaqghet go kappella, ma nafx x'isimha, San Lawrenz stess u spjegajtilholm x'inhu l-progett, il-beneficcju kollu. Ma kelli ebda dokument iffirmat; it's a matter of trust. Dawn jafu li ghandhom deal tajjeb. L-uniku riskju li kelli jien li jkun hemm individwu u s-sussidju ta'*

*tlett elef Euro li ha jircievi bhala cekk ma jghaddihx lili. Però l-Kunsill Lokali, sewwa, kien ha jkun fin-nofs, tipo, ha medjatur, li kif jircievi c-cekk il-klijent, jippikkjah il-Kunsill u jghaddih lili, bhalma ghamel fuq id-deposit, in-nine, nine, nine (999), il-klijent mar ghand il-Kunsill, tajtu ktieb ta' Di Natura biex jiffirmali li hadu, jigifieri jiffirma l-klijent li tani l-flus u rcevieh u tajthomlhom kollha lura. Jigifieri ma kien hemm l-ebda dokument, kwazi it's a matter of trust. Dan jiena tajthom deal tajjeb u – "* (*a fol.* 774).

**Ikkunsidrat**
**Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta**
Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

> *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa principju baziku ppratikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni.

Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi

kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*".

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

**Ikkunsidrat**

Illi fil-Gazzetta tal-Gvern tat-12 ta' Frar 2010 (precizament f'pagna 1489 ta' Dok. "AG 44" – *a fol.* 442) l-awtorita' kompetenti nediet skema li permezz taghha applikanti ghall-pannelli fotovoltajici setghu jiksbu sa' hamsin fil-mija (50%) ta' prezz ta' l-impjant installat. L-investigazzjonijiet da parte tal-Pulizija dwar dan il-kaz jsibu l-origini taghhom f'rapport mibghut mir-REAM lill-Pulizija a rigward prattici li allegatament setghu kienu qed jaghtu lok ghal abbuz mis-sistema tal-*grants* fir-rigward ta' pannelli fotovoltajici. Jirrizulta li l-kumpanija *Di Natura* offriet lir-residenti tal-lokalita' ta' San Lawrenz go Ghawdex sistema ta' pannelli fotovoltajici ghall-prezz finali ta' elf Euro (€1000). Fir-rapport taghha, din ir-REAM irrimarkat li tali prezz ma kienx possibbli u li ghaldaqstant kien hemm xi forma ta' abbuz mill-fondi allokati kemm mill-Gvern Centrali kif ukoll minn dawk moghtija mill-Ewropa ghal sussidji sabiex residenti setghu jixtru tali sistemi li jipproducu energija alternattiva.

Illi l-Prosekuzzjoni, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha, issostni li kemm il-membri kollha tal-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz u kif ukoll tas-*supplier* kienu jafu ben tajjeb illi kull ricevuta ghas-somma ta' sitt elef Euro (€6000) jew ghal kull ammont li jaqbez l-elf Euro

(€1000) ma kienitx veritjiera imma falza u dan ghaliex hadd mir-residenti ma kien ser ikollu jhallas tali ammont. Il-Prosekuzzjoni ssostni wkoll li l-pjan maqbul kien li malli r-resident jircievi lura s-sussidju ta' nofs l-ispiza *ossia* s-somma ta' tlett elef Euro (€3000) minn ghand il-Gvern, dan kellu jghaddi dawn il-flus lil Godfrey Formosa. Il-Prosekuzzjoni tishaq li tali strategija kienet orkestrata minn Godfrey Formosa u b'hekk il-Kunsill Lokali rrenda ruhu komplici billi spicca ko-ordinatur ta' tali sistema li l-Prosekuzzjoni ssejjhielha bhala wahda frawdolenti.

Illi, in segwitu ta' dan kollu, gew intavolati l-prezenti proceduri kriminali odjerni fil-konfront ta' Godfrey Formosa. Proceduri ohra kriminali separati gew intavolati fil-konfront tal-membri kollha tal-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz, inkluz tas-Segretarja Ezekuttiva tal-istess Kunsill. Il-Qorti tinnota li l-kawza kontra Godfrey Formosa, apparti li tirrigwarda l-kwistjoni relatata ma' sistema ta' pannelli fotovoltajici, tirrigwarda wkoll kwistjoni ohra dwar *solar water heater*. Ghaldaqstant, fil-kawza kontra Godfrey Formosa tressqu aktar xhieda mill-Prosekuzzjoni milli fil-kawza kontra l-membri tal-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz.

Da parte taghha, id-difiza ssostni li dak li gie prodott mill-Prosekuzzjoni ma ghandu bl-ebda mod iwassal ghal sejbien ta' htija tal-imputat f'dawn il-proceduri u dana ghar-ragunijiet imsemmija mill-istess difiza fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha (*a fol.* 834 *et seq.*) u fis-sottomissjonijiet orali taghha (*a fol.* 875 *et seq.*). Id-difiza, fost l-ohrajn, issostni li fir-rigward tal-pannelli fotovoltajici, l-imputat Godfrey Formosa sab dik li giet imsejha bhala *an opportunity cost*. Id-difiza ssostni li ghandek prodott li jinbiegh sitt elef Euro (€6000) u li l-imputat tah bi skont ta' erbat elef Euro (€4000) mhux ghax lilu kien ser jigi jiswih erbat elef Euro (€4000) pero kien ser jigi jiswih sitt elef Euro (€6000). Id-difiza tishaq li d-differenza ta' elfejn Euro (€2000) l-imputat kien ha jonfoqhom fuq kull applikant fuq il-kontijiet. Id-difiza tishaq ukoll li l-elfejn Euro (€2000) ghal kull applikant, l-imputat iffrankahom reklamar. Id-difiza ssostni li kieku l-imputat ghamel dan il-progett fotovoltajiku kieku kien ikollu reklam b'xejn il-hin kollu. Hija tirritjeni li fiz-zmien tal-iskema in kwistjoni l-applikazzjoni *per se* ma kienitx

dettaljata daqs kemm hi llum il-gurnata. Fir-rigward tal-*solar water heater*, id-difiza tishaq li dak allegat mill-Prosekuzzjoni ma jirrizultax.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 41(1)(a), 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**

Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat b'tentattiv fir-rigward ta' frodi b'eghmil qarrieqi jew f'kazijiet ohra ta' qligh b'qerq.

Illi Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrigwarda "Frodi b'eghmil qarrieqi". Illi biex jissussisti r-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut diversi drabi fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-Qrati taghna illi jridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u s-suggett passiv tar-reat u cioé bejn min qieghed jikkommetti r-reat u l-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana r-reat u cioé l'uzu ta' ingann jew raggieri li jwasslu lill-vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li jkun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura r-reat tat-truffa ma jistax jissussisti.

Illi f'sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** moghtija fit-22 ta' Frar 1993, il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali ghamlet esposizzjoni ferm preciza, studjata u dettaljata ghar-rigward ta' l-elementi ta' dana r-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana r-reat:

> *"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew*

*Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Franciz. […]*

*Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta' l-Artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (Artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi […].*

Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta' l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.

Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta' l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkommetti d-delitt tat-truffa kull min:

a) b'mezzi kontra l-ligi, jew
b) billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
c) ta' kwalifiki foloz jew
d) billi jinqeda b'qerq iehor u
e) ingann jew
f) billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,
g) jew ta' hila;
h) setgha fuq haddiehor jew
i) ta' krediti immaginarji jew
j) sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

> [...H]u necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. […]
>
> Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi *"hemm bzonn biex ikun reat taht l-Artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta' l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza* ***Reg vs. Francesco Cachia e Charles Bech*** *(03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi "quell' articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed é necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede""*.

Illi fid-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Charles Zarb** kwotata hawn fuq, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali iccitat lill-Imhallef Guzé Flores fejn qal illi:

> *"kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita' specifika li sservi ta' supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita' prospettata bhala vera u b'hekk bhala mezz ta' qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta' dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta' apparat estern li jirrivesti bi kredibilita' l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta' verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene"*.

L-istess Imhallef Flores kompla jghid li:

*"....Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioé kwantu jirrigwarda d-dolo ta' dan ir-reat ta' truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b'ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-Artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem "bi hsara ta' haddiehor" ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta' l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita' tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."*

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta' l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-Qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jissussisti r-reat tal-frodi baqghu nvarjati fi-zmien.

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewlieni fir-reat tal-frodi huwa *"l'elemento del danno patrimoniale"*. Biex imbaghad jissussisti dana t-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu *"I tre momenti di cui si compone il reato é cioé la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione Penale Sez. II 3 ottobre 2006 n. 34179)*

Illi, ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali, cioé **Il-Pulizija vs. Patrick Spiteri**, deciza fit-22 ta' Ottubru 2004:

*"L'agente [...] deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stessa, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quel profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta' sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."*

Illi Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrigward kull min, bi hsara ta' haddiehor, jaghmel xi qligh iehor b'qerq mhux imsemmi fl-Artikoli ta' qablu.

Illi mill-atti processwali jirrizultaw, fost l-ohrajn, is-segwenti:

- Saret sejha fil-Gazzetta tal-Gvern ghal Ghotja fuq Xiri ta' Sistema Fotovoltajici fis-Settur Domestiku (pagna 1489 ta' Dok. "AG 44" – *a fol.* 442). Din il-Gazzetta tal-Gvern iggib id-data tat-12 ta' Frar 2010, fejn il-prezz tax-xiri tas-sistema fotovoltajika gie mfisser bil-mod segwenti: *"il-prezz finali tax-xiri tas-sistema kif jidher fl-ircevuta fiskali jew fuq ir-rendikont ta' trasferiment tal-bank, kif jista' jkun il-kaz"*.

- Il-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz appunta Bord ta' Aggudikazzjoni minn nies esperti fil-materja u dana sabiex l-istess Kunsill Lokali setgha jiehu *feedback* minn ghand il-bord dwar min mill-applikanti kellu jintghazel.

- Gew imqassma fuljetti informattivi fid-djar lir-residenti permezz ta' liema fuljetti r-residenti gew avzati b'laqghat li kienu ser jigu mizmuma u f'liema fuljetti r-residenti gie spjegat lilhom x'inhi din l-iskema.

- Il-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz zamm laqghat mar-residenti tieghu.

- L-MRA fethet ufficju Ghawdex sabiex jigu sottomessi l-applikazzjonijiet in kwistjoni.

- Dr. Reuben Balzan xehed li l-MRA harget ittra lil kull applikant fejn l-applikanti gew infurmati li l-prezz li kellu jinghata ried ikun il-prezz wara li jitnaqqas kull skont jew *grant* jew *freebie*.

- Jirrizulta li fl-applikazzjoni, fost l-ohrajn, kien hemm immarkata s-segwenti kaxxa: *"I confirm that I (or any member of the household) have not obtained and will not obtain any other grants*

*or subsidies for this system either from public or national funds or EU funds"* (*a fol.* 180).

- Kien biss f'ittra datata 12 ta' Marzu 2010 mibghuta mill-MRA lill-applikanti li l-applikanti gew infurmati bis-segwenti: *"The purchase price of the photovoltaic system considered by the Authority to award the grant, is the final purchase price of the system as shown in the fiscal receipt"* (*a fol.* 205).

- Oliver Brownrigg (President tar-REAM), liema REAM staqsiet x'kien qed jigi ezattament, ikkonferma li skond hu l-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz effettivament mexa b'mod nadif tant li l-istess Brownrigg ikkonferma dak li gie rapportat bhala li qal hu fil-gurnal *Times of Malta*

- Godfrey Formosa (ta' *Di Natura*) huwa kompetitur ta' diversi membri li jifformaw parti mir-REAM.

- Kompetituri diretti ta' Godfrey Formosa offrew rigali diretti lill-applikanti.

- Dak li xehed l-imputat Godfrey Formosa quddiem il-Qorti kien konsistenti ma' dak li huwa qal fid-diversi stqarrijiet[3] rilaxxati minnu lil Pulizija.

- Bil-parir li Godfrey Formosa nghata minn Dr. Simon Busuttil huwa ha l-passi biex jemenda l-offerta tieghu minn sitt elef Euro (€6000) ghal erbat elef Euro (€4000). Il-Qorti tinnota li ma jirrizulta l-ebda malizja da parte tal-imputat fl-emenda tieghu tal-prezz.

Illi, mehud in konsiderazzjoni dak li nghad hawn fuq, il-Qorti tinnota, minghajr tlaqlieq ta' xejn, li mill-atti processwali ma jirrizulta bl-ebda mod xi tentattiv da parte ta' Godfrey Formosa sabiex jigi kommess xi frodi b'eghmil qarrieqi kif mahsub f'Artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew sabiex, bi

[3] Dok. "AG 13" – *a fol.* 236 *et seq.*; Dok. "AG 15" – *a fol.* 242 *et seq.*; Dok. "AG 17" – *a fol.* 248 *et seq.*; Dok. "AG 19" – *a fol.* 252 *et seq.*.

hsara ta' haddiehor, jsir xi qligh iehor b'qerq mhux imsemmi fl-Artikoli ta' qabel Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif jiddisponi l-istess Artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant isegwi li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat ma gietx sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnha.

**<u>It-Tieni (2) u t-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 183 u 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**
Illi filwaqt li fit-tieni (2) imputazzjoni l-imputat Godfrey Formosa qed jigi akkuzat b'falsifikazzjoni ta' atti pubblici taht Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fit-tielet (3) imputazzjoni, l-imputat Formosa msemmi qed jigi akkuzat li xjentement ghamel uzu minn dokument falz taht Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk: *"Kull persuna ohra li taghmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi tohloq [...]".* Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk: *"Kull persuna li xjentement taghmel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel [...]".* B'hekk filwaqt li Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrigwarda "Falsifikazzjoni ta' atti pubblici, kummercjali jew ta' bank privat minn persuna li ma tkunx ufficjal pubbliku", Artikolu 184 tal-Kapitolu msemmi jirrigwarda "Min xjentement jaghmel uzu minn dokumenti foloz".

Illi dawn iz-zewg imputazzjonijiet jirrigwardaw il-kwistjoni ta' *solar water heater*. Mill-atti processwali jirrizulta s-segwenti:

- Meta Karen Azzopardi (eks impjegata mal-MRA) giet mistoqsija jekk jekk taghrafx xi haga fuq Dok. "AG 10" (*a fol.* 232) qalet li din hija *acknowledgement* pero qalet li mhux il-kitba taghha. Mistoqsija rigward il-firma fuq dan id-dokument tghid li kellha dubju jekk hijiex taghha pero wara kkonfermat li ma kienitx taghha. Hija kkonfermat li fid-data li tidher fid-

dokument imsemmi, cioé 24 ta' Settembru 2009, hija ma kienitx tahdem l-MRA.

- Edward Briffa xehed li meta mar l-MRA b'Dok. "AG 10" (*a fol.* 232), li gie moghti lilu mill-imputat Godfrey Formosa, gie nfurmat li ma kien hemm hadd li kellu dik il-firma fuq dak id-dokument.

- Anna Maria Briffa, mart Edward Briffa, xehdet fuq l-istess linji li xehed fuqhom zewgha Edward Briffa.

- George Cassar, l-Inginier tal-MRA, spjega li fid-dokument (Dok. "AG 10" – *a fol.* 232) li ttiehed l-MRA mill-konjugi Briffa, kien hemm il-firma ta' Karen Azzopardi u li fid-data li kien hemm fuq dan id-dokument, din Azzopardi ma kienitx tahdem l-MRA.

- Godfrey Formosa, kemm meta xehed quddiem il-Qorti u kif ukoll meta rrilaxxa l-istqarrija tieghu (Dok. "AG 15" – *a fol.* 242 *et seq.*) lill-Pulizija jichad li kellu xi involviment fir-rigward tad-dokument hawn fuq imsemmi. Mistoqsi min mar b'Part B, jghid li seta' mar xi hadd mill-*installers* tieghu, seta' mar ir-*runner* tieghu, jew xi hadd minn taghhom. Jghid li hu personalment ma jmurx ta' spiss l-MRA. Jghid li meta jigu l-karti lura, dawn jigu ffaljati. Jghid li l-klijent partikolari qallu li George Cassar kien qallu li dak id-dokument li kien tah kien wiehed falz. Mistoqsi jghid jekk jafx min mar l-MRA bil-Part B jghid li ma jafx. Jghid li xi hadd mill-istaff tieghu ffalja dan id-dokument.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li f'dawn il-proceduri, precizament fis-seduta tal-4 ta' Dicembru 2012 (*a fol.* 590) giet appuntata Dr. Juliana Scerri Ferrante bhala espert tal-kalligrafija. Ta' min jinnota li fir-rapport taghha (Dok. "JSF 1" – *a fol.* 676 *et seq.*), Dr. Scerri Ferrante kkonludiet is-segwenti:

> "Wara li sar l-analizi necessarju, u l-esperta kkonkludiet u hija tal-opinjoni illi l-firma in kwistjoni *a fol.* AG 10 kienet

> *"simulated"* u ma hiex il-firma ta' Karen Azzopardi, ID No. 13488(M)).
>
> Huwa fatt xjentifiku illi l-firma ta' persuna tvarja mhux biss maz-zmien, izda wkoll minn firma ghall-ohra minhabba kundizzjonijiet anki varjabbli izda l-karatteristici ta' persuna go firma dejjem jibqghu u jistghu jigu identifikati tant illi wiehed irid janalizza jekk il-varjabilita' f'firma taqa' fil-limiti ta' varjabilita' tal-kitba tal-awtur.
>
> F'dan il-kaz, il-varjabilita' li nstabet fil-firma in kwistjoni ma kinitx fil-limiti tal-varjabilita' permessa mill-awtur" (*a fol.* 688).

Illi l-Qorti tinnota li ma jirrizultax li d-dokument fejn tirrizulta l-firma ta' "Karen Azzopardi", cioé Dok. "AG 10" (*a fol.* 232), huwa att awtentiku u pubbliku, jew inkella skrittura kummercjali jew ta' bank privat kif jirrikjedi l-Artikolu 183 hawn fuq imsemmi. Il-Prosekuzzjoni naqset ukoll milli tipprova dak li Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jirrikjedi.

Illi, fir-rigward ta' Artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tinnota li f'dan l-Artikolu huma importanti l-kliem *"kull persuna li xjentement taghmel uzu minn [...]"*. Min imkien ma jirrizulta li l-imputat Godfrey Formosa kien *xjentement* qed jaghmel uzu minn dokument falz.

Illi, apparti dak li ghadu kemm nghad fiz-zewg paragrafi precedenti u minkejja l-konkluzjoni raggunta minn Dr. Scerri Ferrante fir-rapport taghha, li bl-ebda mod ma tipponta lejn l-imputat Godfrey Formosa, ghab-bazi ta' dak li nghad hawn fuq ma jirrizulta bl-ebda mod li l-imputat Godfrey Formosa ghandu jkun b'xi mod jigi misjub hati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu.

B'hekk isegwi li anke t-tieni (2) u tielet (3) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat ma gewx sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnhom.

**Ir-Raba' (4) u l-Hames (5) Imputazzjoni**
**(Artikoli 188(1) u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**

Illi filwaqt li fir-raba' (4) imputazzjoni, l-imputat Godfrey Formosa qed jigi akkuzat taht Artikolu 188(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jirrigwarda dikjarazzjoni falza jew taghrif falz, fil-hames (5) imputazzjoni l-imputat imsemmi qed jigi akkuzat taht Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jirrigwarda kazijiet ohra ta' falsifikazzjoni u uzu ta' dokumenti foloz.

Illi l-Qorti tinnota li fid-decizjoni moghtija fl-4 ta' Gunju 2008 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anton Vassallo**, il-Qorti tal-Appell Kriminali kellha s-segwenti xi tghid:

> "Ir-reat deskritt fl-Artikolu 188 tal-Kapitolu 9 jikkontempla forma ta' falsita` ideologika filwaqt illi dak imsemmi fl-Artikolu 189 jikkontempla forma ta' falsita` materjali.
>
> Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Galea** moghtija fis-17 ta' Ottubru 1997 din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk dwar id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku: *"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza materjali tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioé fil-kontenut ideali tieghu (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II (Giuffre`, Milano, 1986), p. 604). Fi kliem Manzini (Trattato, v. VI, n. 2296, p. 829) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "non e` veridico, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero".*
>
> *Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` ikun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti*

> *jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F., op. cit., p. 594). S'intendi, b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu, imqar temporaneament, il-messagg – karta, parcmina, injam, gebel, hadid, plastik, etc."*
>
> Fil-kaz in ezami, kwantu ghat-tieni imputazzjoni, l-appellant ma kien mitlub qatt jaghmel dikjarazzjoni, stqarrija jew jaghti taghrif f'dokument mahsub ghal awtorita` pubblika. Kwantu mbaghad it-tielet imputazzjoni, minn imkien ma jirrizulta illi n-*number plates* kienu ffalsifikati (ara wkoll fl-istess sens Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Elton George Spiteri**, 23 ta' Marzu 2007)".

Illi, filwaqt li l-Qorti taghmel riferenza ghal konsiderazzjonijiet li saru hawn fuq fir-rigward tal-imputazzjonijiet l-ohra, tinnota wkoll, wara li jittiehdu in konsiderazzjoni dak li jirrizulta mill-atti processwali u wara li tqies x'inhuma l-elementi sabiex tinstab htija taht Artikoli 188 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li ma jistax jinghad li l-imputat Godfrey Formosa ghandu jitqies li huwa hati ta' Artikoli 188 u 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif qed jigi addebitat fil-konfront tieghu fir-raba' (4) u fil-hames (5) imputazzjonijiet u dana *stante* li dawn l-imputazzjonijiet ma jirrizultawx.

Ghaldaqstant, lanqas ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat Godfrey Formosa ma gewx sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat imsemmi ser jigi liberat minn dawn l-imputazzjonijiet.

**<u>Is-Sitt (6) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**

Illi hawnhekk l-imputat Godfrey Formosa qed jigi akkuzat li huwa recidiv taht Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minkejja li, in sostenn ta' din l-imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni ezebiet sentenza moghtija fil-15 ta' Ottubru 2008 (Dok. "AG 20" – *a fol.* 254 *et seq.*, u Dok. "IA 1" - *a fol* 737 *et seq.*), il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tikkunsidra jekk l-imputat Godfrey Formosa ghandux jitqies li huwa recidiv taht l-Artikoli msemmija *stante* li ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet l-ohra kollha addebitati fil-konfront tieghu.

**Ikkunsidrat**

Illi minkejja li l-Qorti *tista'* tispekula dwar dak li setgha gara, madanakollu dawn huma biss kongetturi u xejn ibbazat fuq provi konkreti fl-atti. Is-suspetti (!) li wiehed jista' jkollu fl-imputat jizvanixxu fix-xejn wara li l-atti processwali **kollha** jittiehdu in konsiderazzjoni.

Illi l-Qorti xtaqet li dan il-kaz jigi deciz aktar malajr pero, bhal ma taf il-Prosekuzzjoni u l-imputat fil-kawza odjerna, kien hemm problemi li din il-Qorti kif preseduta ma kellhiex kontroll fuqhom.

**Ikkunsidrat**

Illi, tenut kont ta' dak kollu li nghad hawn fuq, l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat Godfrey Formosa hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u b'hekk tilliberah minnhom.

Finalment, *stante* li l-imputat gie liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi kkundannat ihallas l-spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

**Ms. Mary Jane Attard**
**Deputat Registratur**